# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# Maġistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Omar Zammit)

vs

Naser M. Naser

Kumpilazzjoni Numru: 134/2025

Illum, 13 ta' Frar, 2025

Il-Qorti;

Rat l-akkużi miġjuba kontra Naser M. Naser detentur tal-karta tal-identità bin-numru 77099A akkużat talli **nhar 12 ta' Frar 2025, għall-habta ta' bejn 19:30hrs u 20:30hrs gewwa l-fond**

**Palm Suites, Blk A, Flat 19, Triq il-Tamar, San Pawl l-Bahar u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin.**

1) Kkaġuna biża lil **FLLA HAMO, (persuna li qegħda jew kienet f'relazzjoni miegħu)** li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta tagħha jew kontra l-persuna jew propjeta ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1), liema delitt twettaq fil-preżenza ta' minuri u dan bi ksur ta' artikoli 251(3); 251H u 202(h) tal-Kodiċi Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta.

2) Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' **FLLA HAMO, (persuna li qegħda jew kienet f'relazzjoni miegħu)** f'periklu ċar, kkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' l-istess **FLLA HAMO** u ċioe feriti ta' natura ħafifa kif ċertifikat minn Dr. Denise Le Brun Med Reg 4764 u Dr Nicholas Fave Med Reg 4718 u dan bi ksur ta' artiklu 221(1); 221(3); 222(1) u 202(h) tal-Kodiċi Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta.

**U aktar talli nhar 12 ta' Frar 2025 u fil-ġranet, ġimgħat u xhur ta' qabel, f'ħinijiet differenti, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess**

**dispożizzjoni tal-liġi, u gew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, f'diversi bnadi ġewwa l-Gżejjer Maltin**

3) Ħebb għal **FLLA HAMO** sabiex jinġurjaha, idejjaqha jew jagħmel ħsara lil din il-persuna, kemm il darba l-fatt ma jkunx jaqa that xi disposizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali u dan bi ksur ta' artikolu 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta

4) Għamel inġurji u/jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali lil **FLLA HAMO** u dan bi ksur ta' artikolu 339(1)(e) tal-kodiċi Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta

- Il- Qorti hija wkoll mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra **Naser M. Naser** għall-benefiċċju ta' **FLLA HAMO,** dan ai termini ta' artikolu 412Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
- Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta ta' **FLLA HAMO,** dan u f'każ ta' ħtija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

- Il-Qorti hija wkoll mitluba li f'każ ta' ħtija minbarra li tinflinġi l-pieni stabbiliti mill-liġi, tordna lill-imsemmija persuna tħallas id-danni stabbiliti skond l-artiklu 532A tal-Kodiċi Kriminali.

Rat id-dokumenti;

Rat l-Artikoli indikati 222(1), 251(3), 251H u 202(h), 221(1), 221(3), 339(1)(d), 339(1)(e), 412C, 382A, 383, 384, 385 u 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet lill-imputat jirreġistra ammissjoni bikrija tal-akkużi kif dedotti kontrih u wkoll reġà kkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li ngħata żmien raġonevoli sabiex jaħsibha;

Stante ammissjoni bikrija tal-akkużi kif dedotti kontra tiegħu u stante li l-imputat ikkopera bis-sħiħ mal-prosekuzzjoni, issib lill-imputat Naser M. Naser hati tal-akkużi kollha u tpoġġih taħt Ordni ta' Probation taħt l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta għal tliet (3) snin kif ukoll timponi Ordni ta' Trażżin taħt l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 għall-istess żmien u liema Ordni għandha tifforma parti integrali ma' din is-sentenza.

Finalment spjegat fi kliem sempliċi lill-imputat Naser M. Naser ir-riperkussjonijiet jekk tali ordnijiet ma jiġux obduti.

__________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Maġistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Reġistratur**